MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 421/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Catherine Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Catherine Bezzina talli ghax-xahar ta' April 2010 u fix-xhur ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt, naqset li taghti lil George Bezzina u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalih u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru 2010 li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija Catherine Bezzina hatja u kkundannatha gimaghtejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Catherine Bezzina pprezentat fis-7 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull htija jew, alternattivament, tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-aggravji ta' l-appellanti li huma fil-qosor is-segwenti: (1) li hi ma tiflahx thallas il-manteniment kif giet ordnata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u *ad impossibilia nemo tenetur*; (2) li fic-cirkostanzi tal-kaz il-piena hi eccessiva;

Rat illi fis-seduta tallum l-Avukat Dottor Adrian Camilleri ghall-appellanti u l-Avukat Dottor Vincent Galea ghall-*parte civile* ddikjaraw illi l-appellanti mhux biss hallset l-arretrati ta' manteniment izda sahansitra baqghet thallas regolarment u gew esebiti kopji ta' l-ircevuti relattivi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament."**

Illi fid-dawl ta' l-izvilupp pozittiv f'dan il-kaz u fid-dawl tal-fedina penali ghal kollox nadifa ta' l-appellanti, hemm lok ta' temperament fil-piena u anke tax-xorta tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha kwantu ghall-htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal gimaghtejn detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien xahar millum. Din il-Qorti fissret lill-appellanti bi kliem li jiftiehem sewwa li jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------